

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/1237

tat-12 ta' Settembru 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/392 ⁽²⁾, biex b'hekk ġedded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.
- (3) Fid-dawl tal-kontinwazzjoni tat-tqegħid fil-periklu jew tat-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra.
- (4) Il-Kunsill irreveđa d-deżinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u ddeċieda li jemenda l-informazzjoni dwar ċerti individwi u entitajiet.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Marzu 2019.'

Artikolu 2

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/KE huwa emendat kif jidher l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/392 tat-12 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 69, 13.3.2018, p. 48).

ANNEX

L-entrati li jirrigwardaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt, kif jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni:

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
4.	Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ) Denys Valentynovych BEREZOVSKYY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ)	Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Kharkiv, SSR tal-Ukrajna	Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali tal-Ukrajna fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, biex b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna. Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015. Mill-2015, jistudja fl-akkademja militari tal-Persunal Ġenerali tal-forzi armati Russi.	17.3.2014
11.	Andrei Aleksandrovich KLISHAS (Андрей Александрович Клишас)	Data tat-twelid: 9.11.1972 Post tat-twelid: Sverdlovsk	President tal-Kumitat dwar id-Dritt Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "l-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-għoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea".	17.3.2014
14.	Aleksandr Borisovich TOTOONOV (Александр Борисович Тотоонов)	Data tat-twelid: 3.4.1957 Post tat-twelid: Ordzhonikidze, Ossezja tat-Tramuntana	Eks Membru tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni Russa ntemmu f'Settembru 2017. Minn Settembru 2017 huwa l-Ewwel Viċi President tal-Parlament ta' Ossezja tat-Tramuntana. Fl-1 ta' Marzu 2014 Totoonov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	17.3.2014
17.	Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK (Сергей Владимирович ЖЕЛЕЗНЯК)	Data tat-twelid: 30.7.1970 Post tat-twelid: San Pietruburgu (qabel kien Leningrad)	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna. Eks Viċi President u attwalment membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.	17.3.2014
22.	Dmitry Olegovich ROGOZIN (Дмитрий Олегович Рогозин)	Data tat-twelid: 21.12.1963 Post tat-twelid: Moska	Eks Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea.	21.3.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
28.	Valery Vladimirovich KULIKOV (Валерий Владимирович Куликов)	Data tat-twelid: 1.9.1956 Post tat-twelid: Zaporozhye (SSR tal-Ukrajna)	Eks Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Fis-26 ta' Settembru 2017, permezz ta' Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa, huwa tneħħa minn din il-kariga u mis-servizz militari. Minn Settembru 2017, huwa membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa, fejn jirrappreżenta l-Belt annessa ta' Sevastopol.	21.3.2014
30.	Mikhail Grigorievich MALYSHEV (Михаил Григорьевич МАЛЫШЕВ) Mykhaylo Hryhorovych MALYSHEV (Михайло Григорович МАЛИШЕВ)	Data tat-twelid: 10.10.1955 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea	President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-'referendum' tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum. Fil-kapaċità ta' President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea, huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li kienu ġew annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovrani u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.3.2014
32.	Logutenent Ġenerali Igor Nikolaevich (Миколаєвич) TURCHENYUK (Игорь Николаевич Турченко)	Data tat-twelid: 5.12.1959 Post tat-twelid: Osh, SSR tal-Kirgiżistan	Eks Kmandant de facto tat-truppi Russi skjerati fuq il-post fil-Krimea, li kienet ġiet annessa illegalment (li r-Russja għadha ssejjaħ uffiċjalment "milizzji lokali għall-awtodifiża"). Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinar. Attwalment huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika u s-Sigurtà Nazzjonali fl-Akkademja Militari tal-Persunal Ġenerali Russu.	21.3.2014
47.	Sergey Gennadevich TSYPLAKOV (Сергей Геннадьевич ЦЫПЛАКОВ) Serhiy Hennadiyovych TSYPLAKOV (Сергій Геннадійович ЦИПЛАКОВ)	Data tat-twelid: 1.5.1983 Post tat-twelid: Khartsyzsk, reġjun ta' Donetsk	Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-"Milizzja Popolari ta' Donbas". Ħa sehem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-Istat fir-reġjun ta' Donetsk. Membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk", eks President u membru attwali tal-"Kumitat tal-Kunsill tal-Poplu għall-Politika dwar l-Informazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni".	29.4.2014
56.	Igor Evgenevich KAKIDZYANOV (Игорь Евгеньевич КАКИДЗЯНОВ), Igor Evgenevich KNAKIMZYANOV (Игорь Евгеньевич ХАКИМЗЯНОВ) Ihor Yevhenovych KNAKIMZIANOV (КАКИДЗІАНОВ) (Ігор Євгенович ХАКІМЗЯНОВ (КАКІДЗЯНОВ))	Data tat-twelid: 25.7.1980 Post tat-twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk)	Wieħed mill-eks mexxejja tal-forzi armati tal-awtoproklamata "Repubblika Popolari ta' Donetsk". L-għan tal-forzi huwa li "jipproteġu l-poplu tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk u l-integrità territorjali tar-repubblika" skont Puschylin, wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika Popolari ta' Donetsk". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
60.	Natalia Vladimirovna POKLONSKAYA (Наталья Владимировна ПОКЛОНСКАЯ)	Data tat-twelid: 18.3.1980 Post tat-twelid: Mikhailovka, reġjun ta' Voroshilovgrad, SSR tal-Ukrajna jew Yevpatoria, SSR tal-Ukrajna	Membru tad-Duma tal-Istat, eletta mir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li kienet ġiet annessa illegalment. Eks Prosekutur tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Implimentat b'mod attiv l-annessjoni tal-Krimea mir-Russja. Bħalissa Viċi President tal-Kumitat għas-Sigurtà u l-għlieda kontra l-korruzzjoni tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.	12.5.2014
71.	Nikolay Ivanovich KOZITSYN (Николай Иванович Козицын)	Data tat-twelid: 20.6.1956 jew 6.10.1956 Post tat-twelid: Djerzjinsk, reġjun ta' Donetsk	Kmandant tal-forzi Kosakki. Responsabbli għall-kmand tas-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna fil-għlieda kontra l-forzi tal-gvern Ukren. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.7.2014
78.	Sergei Orestovich BESEDA (Сергей Орестович Беседа)	Data tat-twelid: 17.5.1954	Kmandant tal-Ħames Servizz tal-FSB, is-Servizz Federali ta' Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala uffiċjali għoli tal-FSB (Kurunell-Ġenerali), huwa jmexxi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali.	25.7.2014
79.	Mikhail Vladimirovich DEGTARYOV/ DEGTYAREV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ)	Data tat-twelid 10.7.1981 Post tat-twelid: Post tat-Twelid: Kuibyshev (Samara)	Membru tad-Duma tal-Istat. Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata de facto" tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika Popolari ta' Donetsk" f'Moska, huwa jikkontribwixxi għall-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Attwalment President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażaġħ.	25.7.2014
81.	Alexander Nikolayevich ТКАЧУОВ (Александр Николаевич Ткачѐв)	Data tat-twelid: 23.12.1960 Post tat-twelid: Vyselki, reġjun ta' Krasnodar	Eks Gvernatur tal-Krasnodar Krai. Ingħata l-medalja "għal-ħelsien tal-Krimea" mill-Aġent kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea għall-appoġġ li pprova lill-annessjoni illegali tal-Krimea. F'dik l-okkazzjoni, l-Aġent Kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħhom għat-"tmexxija" l-għdida tal-Krimea. Eks Ministru għall-Agricoltura tal-Federazzjoni Russa.	25.7.2014
89.	Oksana TCHIGRINA, Oksana Aleksandrovna CHIGRINA (СНУНРЫНА) (Оксана Александровна ЧИГРИНА)	Data tat-twelid: possibbilment 23.7.1981	Eks kelliema tal-hekk imsejjaħ "gvern" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Lugansk" li għamlet dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw fost oħrajn it-twaqqigħ ta' ajruplan militari Ukren, it-teħid ta' ostaġġi, attivitajiet ta' għlied mill-gruppi armati illegali, li bħala konsegwenza pperikolar l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. Eks kelliema tas-Servizz tal-Istampa tal-LNR.	30.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
102.	Andrei Nikolaevich RODKIN (Андрей Николаевич Родкин)	Data tat-twelid: 23.9.1976 Post tat-twelid: Moska	Eks Rappreżentant f'Moska tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, tkellem fost l-oħrajn dwar kif il-milizzji jinsabu lesti jmorru għal gwerra tal-gwerillieri u s-sekwestru tagħhom ta' sistemi ta' armi mill-forzi armati Ukreni. Huwa b'hekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Wieħed mill-eks mexxejja tal-"Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas".	12.9.2014
117.	Aleksey Vasilevich NAUMETS (Алексей Васильевич Наумец)	Data tat-twelid: 11.2.1968	Maġġur Ġeneral tal-Armata Russa. Eks kmandant tas-76 diviżjoni tal-ajru li kienet involuta fil-preżenza militari Russa fit-territorju tal-Ukrajna, partikolarment waqt l-annessjoni illegali tal-Krimea. Mill-2018 Viċi Kap tal-Persunal tal-Forzi tal-Ajru.	12.9.2014
120.	Sergey Yurievich KOZYAKOV (Сергей Юрьевич КОЗЬЯКОВ) Serhiy Yuriyovych KOZYAKOV (Сергій Юрійович КОЗЬЯКОВ)	Data tat-twelid: 29.9.1982 jew 23.9.1982	Fil-kapaċità li kellu qabel bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali ta' Luhansk" kien responsabbli mill-organizzazzjoni tal-hekk imsejħa "elezzjonijiet" tat-2 ta' Novembru 2014 fir-"Repubblika Popolari ta' Luhansk". Dawn "l-elezzjonijiet" kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bejn Ottubru 2015 u Diċembru 2017 hekk imsejjaħ "Ministru għall-Ġustizzja" tar-"Repubblika Popolari ta' Luhansk". Billi assumu u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, u billi organizza l-"elezzjonijiet" illegali, huwa għaldaqstant b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	29.11.2014
138.	Alexandr Vasilievich SHUBIN (Александр Васильевич ШУБИН)	Data tat-twelid: 20.5.1972 jew 30.5.1972 Post tat-twelid: Luhansk	Hekk imsejjaħ eks "Ministru għall-Ġustizzja", tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk" illegali. President tal-"Kummissjoni Elettorali Ċentrali" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Luhansk" minn Ottubru 2015 'l hawn. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
141.	Ekaterina Vladimirovna FILIPPOVA (Екатерина Владимировна ФИЛИПОВА) Kateryna Volodymyrivna FILIPPOVA (Катерина Володимирівна ФІЛІПОВА)	Data tat-twelid: 20.1.1988 Post tat-twelid: Krasnoarmëisk	L-hekk imsejħa eks "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, hija għaldaqstant appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
146.	Zaur Raufovich ISMAILOV (Заур Рауфович ИСМАИЛОВ) Zaur Raufovich ISMAYILOV (Заур Рауфович ИСМАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 25.7.1978 (jew 23.3.1975) Post tat-twelid: Krasny Luch, Voroshilovgrad, reġjun ta' Lugansk	Kien l-hekk imsejja "Prosekutur Ġenerali" tal-hekk imsejja "Repubblika Popolari ta' Lugansk" (sa Ottubru 2017). Bħalissa jaġixxi bħala hekk imsejja "Ministru għall-Ġustizzja" tal-hekk imsejja "Repubblika Popolari ta' Lugansk". Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna.	16.2.2015
164.	Aleksandr Yurevich PETUKHOV / Aleksandr Yurievich PETUKHOV (Александр Юрьевич ПЕТУХОВ) Oleksandr Yuriyovych PETUKHOV (Олександр Юрійович ПЕТУХОВ)	Data tat-twelid: 17.7.1970	Eks President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	14.5.2018

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
3.	L-hekk imsejja "Repubblika Popolari ta' Lugansk" "Луганская народная республика" "Luganskaya narodnaya respublika"	Informazzjoni uffiċjali: https://glava-lnr.info/ https://sovminlnr.ru/ https://nslnr.su/	L-hekk imsejja "Repubblika Popolari ta' Lugansk" ġiet stabbilita fis-27 ta' April 2014. Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta' Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta' Mejju 2014. Fit-22 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin "Repubbliki Popolari" ta' Donetsk u Lugansk ħolqu l-hekk imsejja "Stat Federali ta' Novorossiya". Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ tal-"Armata tax-Xlokk" separatista u gruppi separatisti illegali armati oħrajn, u għaldaqstant tipperikola l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014
4.	L-hekk imsejja "Repubblika Popolari ta' Donetsk" "Донецкая народная республика" "Donétskaya narodnaya respúblika"	Informazzjoni uffiċjali: https://dnr-online.ru/ http://av-zakharchenko.su/ http://smdnr.ru/ https://dnrsovet.su/	L-hekk imsejja "Repubblika Popolari ta' Donetsk" ġiet iddikjarata fis-7 ta' April 2014. Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta' Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta' Mejju 2014. Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin "Repubbliki Popolari" ta' Donetsk u Lugansk iffirmary ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejja "Stat Federali ta' Novorossiya".	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ tal-gruppi separatisti illegali armati, u għaldaqstant tipperikola l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	
6.	<p>Unjoni Internazzjonali ta' Assoċjazzjonijiet Pubbliċi "Great Don Army"</p> <p>Международный Союз Общественных Объединений "Всевеликое Войско Донское"</p>	<p>Informazzjoni uffiċjali: http://xn-80aaa ajfjszd7a 3b0e.xn-p1ai/ Nru tat-telefon: +7-8-908-178-65-57 Media soċjali: Gwardja Nazzjonali Kosakka http://vk.com/kazak_nac_guard Indirizz: 346465 Russia, Rostov Region, October District, St Zaplavskaia, Str Shosseynaya 1 It-tieni indirizz: Voroshilovskiy Prospekt 12/85-87/13, Rostov-on-Don</p>	<p>Il-"Great Don Army" stabbilixxiet il-"Gwardja Nazzjonali Kosakka", responsabbli għall-għied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant ipperikolat l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Assoċjata mas-Sur Nikolay Kozitsyn, li huwa Kmandant tal-forzi Kosakki u responsabbli għat-tmexxija tas-separatisti fl-Ukrajna tal-Lvant li qed jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren.</p>	25.7.2014
7.	<p>"Sobol"</p> <p>"СОБОЛЬ"</p>	<p>Informazzjoni uffiċjali: http://soboli.net Media soċjali: http://vk.com/sobolipress Nru tat-telefon: (0652) 60-23-93 Posta elettronika: SoboliPress@gmail.com Indirizz: Crimea, Simferopol, str. Kiev, 4 (area bus station 'Central').</p>	<p>Organizzazzjoni paramilitari radikali, responsabbli għall-appoġġ bla haġi tal-użu tal-forza biex jintemm il-kontroll tal-Ukrajna fuq il-Krimea, u għaldaqstant tipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p> <p>Responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fil-Lvant tal-Ukrajna, u għaldaqstant thedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.</p>	25.7.2014
8.	<p>L-hekk imsejħa "Gwardja ta' Lugansk"</p> <p>"Луганская гвардия"</p>	<p>Media soċjali u informazzjoni oħra: https://vk.com/luguard http://vk.com/club68692201 https://vk.com/luguardnews</p>	<p>Milizzja għall-awtodifiża ta' Lugansk, responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.</p> <p>Assoċjata mas-Sur German PROPOKIV, mexxej attiv li huwa responsabbli li ħa parti fit-teħid tal-bini tal-uffiċċju reġjonali ta' Lugansk tas-Servizz tas-Sigurtà Ukren u rreġistra filmat b'dikjarazzjoni lill-President Putin u r-Russja mill-bini okkupat.</p>	25.7.2014
9.	<p>L-hekk imsejħa "Armata tax-Xlokk"</p> <p>"Армии Юго-Востока"</p>	<p>http://lugansk-online.info/statements Media soċjali: http://vk.com/lugansksbu</p>	<p>Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukrajna tal-Lvant.</p> <p>Responsabbli għall-okkupazzjoni tal-bini tas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Lugansk.</p> <p>Assoċjat mas-Sur Valeriy BOLOTOV, li kien elenkat bħala wieħed mill-mexxejja tal-grupp.</p>	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
			Assoċjat mas-Sur Vasył NIKITIN, responsabbli għall-attivitajiet "governamentali" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk"	
10.	L-hekk imsejjaħ "Milizzja Popolari ta' Donbass" "Народное ополчение Донбасса"	Media soċjali: http://vk.com/polkdonbassa + 38-099-445-63-78; + 38-063-688-60-01; + 38-067-145-14-99; + 38-094-912-96-60; + 38-062-213-26-60 Posta elettronika: voenkom.dnr@mail.ru mobilisation@novorossia.co polkdonbassa@mail.ru Volontarji fuq it-telefon fir-Russja: + 7 (926) 428-99-51 + 7 (967) 171-27-09 jew posta elettronika novoross24@mail.ru Indirizz: Donetsk. Prospect Zasyadko.13	Grupp separatista armat illegali responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Vant, u b'hekk ġew mhedda l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Fost l-oħrajn, il-grupp militanti ħa l-kontroll ta' diversi binjiet tal-gvern fl-Ukrajna tal-Lvant kmieni f'April 2014, u għaldaqstant ipperikola l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa assoċjat mas-Sur Pavel Gubarev, li huwa responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi favur ir-Russi u li pproklama lilu nnifsu l-"gvernatur tal-poplu".	25.7.2014
11.	"Battaljun Vostok" "Батальон Восток"	Media soċjali: http://vk.com/patriotic_forces_of_donbas http://patriot-donetsk.ru/info.patriot.donbassa@gmail.com	Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukrajna tal-Lvant. Responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jhedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Ipparteċipa b'mod attiv f'operazzjonijiet militari li wasslu għall-ħtif tal-Ajruport ta' Donetsk. Parti mill-hekk imsejjaħ "L-ewwel Korp tal-Armata" tal-forzi armati tar-"Repubblika Popolari ta' Donetsk".	25.7.2014
16.	Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali "Sanatorium Nizhnyaya Oreanda" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (qabel magħrufa bħala ċ-Ċentru "Nizhnyaya Oreanda" Санаторий "Нижняя Ореанда")	Iċ-ċentru "Nizhnyaya Oreanda", 298658, Yalta, Oreanda (298658, г.Ялта, пгт. Ореанда, Санаторий 'Нижняя Ореанда')	Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kuntrarjament għal-liġi Ukrena. Fil-21 ta' Marzu 2014 l-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni "Dwar il-kwistjonijiet tal-ħolqien ta' Assoċjazzjoni ta' sanatorji u ċentri" Nru 1767-6/14 li tiddikjara l-appropriazzjoni tal-assi li jappartjenu liċ-ċentru "Nizhnyaya Oreanda" fisem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. Irreġistrata mill-ġdid fid-9 ta' Ottubru 2014 bħala Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali "Sanatorium Nizhnyaya Oreanda" tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (ФЕДЕРАЛЬНОЕ ГОСУДАРСТВЕННОЕ БЮДЖЕТНОЕ УЧРЕЖДЕНИЕ "САНАТОРИЙ "НИЖНЯЯ ОРЕАНДА" УПРАВЛЕНИЯ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ"). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (УПРАВЛЕНИЕ ДЕЛАМИ ПРЕЗИДЕНТА РОССИЙСКОЙ ФЕДЕРАЦИИ).	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
17.	Intrapriża tar- Repubblika tal-Krimea “Azov distillery plant” Крымское республиканское предприятие “Азовский ликёро-водочный завод” Azovsky likerovodochny zavod	40 Zeleznodorozhnaya str., 296178 Azovskoye distrett ta’ Jankoysky, (Джанкойский район, 296178 пгт. Азовское, ул. Железнодорожная, 40) Kodiċi: 01271681	Is-sjeda tal-entità ġiet trasferita kuntrarjament għal-liġi Ukrena. Fid-9 ta’ April 2014 il-“Prezidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta’ Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-appropriazzjoni ta’ assi li jappartjenu lil “Azovsky likerovodochny zavod” fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea. Għaddejnin proċedimenti ta’ falliment.	25.7.2014
21.	JOINT-STOCK COMPANY ALMAZ-ANTEY AIR AND SPACE DEFENCE CORPORATION Акционерное общество “Концерн воздушно- космической обороны “Алмаз — Антей”” (magħrufa wkoll bħala CONCERN ALMAZ- ANTEY; ALMAZ-ANTEY CORP; magħrufa wkoll bħala ALMAZ-ANTEY DEFENSE CORPORATION; magħrufa wkoll bħala ALMAZ-ANTEY JSC; Концерн ВКО ‘Алмаз — Антей’);	41 ul.Vereiskaya street, Moscow 121471, Russian Federation; Sit web:almaz-antey.ru; Indirizz Elettroniku antey@ almaz-antey.ru	Almaz-Antey hija kumpannija Russa proprjetà tal-Istat. Timmanifattura armi kontra l-inġenji tal-ajru inkluż missili mill-art għall-ajru li hija f’forn lill-armata Russa. L-awtoritajiet Russi qegħdin ifornu armamenti tqal lis-separatiisti fil-Lvant tal-Ukrajna, li kkontribwixxew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Dawn l-armi jintużaw mis-separatiisti, inkluż għat-twaqqigħ ta’ ajruplani. Għalhekk, bħala kumpannija proprjetà tal-Istat, Almaz-Antey tikkontribwixxi għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	30.7.2014
24.	Donetsk Republic (Organizzazzjoni pubblika) Донецкая республика	Informazzjoni uffiċjali: http://oddr.info/	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Donetsk” fit-2 ta’ Novembru 2014. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Fil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna. Immedjati minn Alexander ZAKHARCHENKO u mmedija minn Andriy PURGIN.	29.11.2014
25.	Paċi għar-Reġjun ta’ Luhansk (Mir Luganschine) Мир Луганщине	https://mir-lug.info/	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk” fit-2 ta’ Novembru 2014. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Fil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
28.	Luhansk Economic Union (Luganskiy Ekonomicheskiy Soyuz) Луганский экономический союз	Informazzjoni uffiċjali: https://nslnr.su/about/obshchestvennye-organizatsii/337/	“Organizzazzjoni soċjali” li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” illegali tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk” fit-2 ta’ Novembru 2014. Innominat kandidat, Oleg AKIMOV, se jkun “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika Popolari ta’ Luhansk”. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Fil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014
30.	Battaljun Sparta Батальон “Спарта”		Grupp separatist armat li appoġġa b’mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Parti mill-hekk imsejjaħ “L-ewwel Korp tal-Armata” tar-“Repubblika Popolari ta’ Donetsk”. Imsemmi bħala unità militari 08806. F’Novembru 2017, l-unità ssemmiet għall-kmandant militari separatist assassinat Arsen Pavlov (magħruf ukoll bħala Motorola).	16.2.2015
33.	Brigata Prizrak Бригада “Призрак”	mail@prizrak.info Tel: 8985 130 9920	Grupp separatist armat li appoġġa b’mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Parti mill-hekk imsejjaħ “It-tieni Korp tal-Armata” tar-“Repubblika Popolari ta’ Lugansk”. Jissejjaħ ukoll l-14-il Battaljun Motorizzat tal-Azzarini.	16.2.2015”